**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Joseph Bowman *noe*

*versus*

Emanuel Cachia *et noe*

**Merkanzija - Spejjeż ta' Rilaxx ta' - Preskrizzjoni - Dekadenza - Artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ - Artikolu 2147 (d) tal-Kodiċi Ċivili**

*L-attur aġixxa għal spejjeż minnu nkorsi għal ħatt u rilaxx ta' merkanzija.*

*Hu veru illi l-funzjonijiet ta' l-aġent marittimu jinkludu doveri li jmorru lil hinn mill-pagament ta' dak li hu dovut lill-haddiem tal-port biex jiskarika l-merkanzija minn fuq il-vapur, imma għall-fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv kien applikabbli, wieħed għandu jħares lejn in-natura ta' l-azzjoni li kienet qed tiġi esperita. It-termini preskrittivi nvokati mill-konvenuti* nomine *kienu dawk inerenti mal-preskrizzjonijiet li kienu estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arġinata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet tagħha, li kienet tiddetermina liema kien it-terminu preskrittiv applikabbli.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi fil-każ taħt eżami ma setax ikun hemm dubbju li l-azzjoni temani mir-relazzjoni ġuridika li ġiet ikkreata bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà attriċi meta din ta' l-aħħar ġiet appuntata bħala aġent tagħha f'Malta.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ma aċċettatx bħala korretta l-interpretazzjoni illi kienet applikabbli l-preskrizzjoni applikabbli għall-"haddiem" tal-port fis-sens ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Għalhekk irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u filwaqt illi ddeċidiet illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-konvenut ma kinitx applikabbli irrimettiet l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-*

*kontinwazzjoni.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* jipproċeda kontra s-soċjetà konvenuta b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attur, fil-kwalità tiegħu msemmija, wara li jippremetta illi l-vapur Bulent Akar daħal Malta fit-12 ta' Novembru, 1990, b'konsenja ta' tnax-il elf, ħames mija u tmienja u sebgħin (12,578) kartuna tuffieħ destinata lis-soċjetà konvenuta kif jidher mill-polza ta' kariku li kopja tagħha qed tiġi annessa bħala dok. A;

Peress illi s-sidien ta' l-imsemmi vapur appuntaw lis-soċjetà attriċi bħala aġenti tagħha f'Malta biex iħottu l-merkanzija u s-soċjetà attriċi għamlet l-arranġamenti kollha neċessarji biex tħott il-merkanzija fuq imsemmija mal-wasla tal-vapur Bulent Akar f'Malta, kif ukoll ħallset l-ispejjeż kollha neċessarji;

Peress illi s-soċjetà attriċi rrilaxxat il-merkanzija fuq imsemmija lis-soċjetà konvenuta qabel ma l-konvenuti *nomine* ħallsu l-ispejjeż, liema proċedura hija dejjem użata f'dawn il-każi;

Peress illi nonostante bosta nterpellazzjonijiet mis-soċjetà attriċi permezz ta' diversi *telexes*, li kopja tagħhom qed tiġi hawn annessa bħala dok. B, C u D, biex is-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż inkorsi għall-ħatt u għar-rilaxx tal-merkanzija, liema *charges* ammontaw għal elf, disa' mija u tnejn u sittin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm1,962.85c) kif jidher mill-kopja ta' l-*invoice* maħruġa mill-atturi *nomine* hawn annessa bħala dok. E, is-soċjetà konvenuta naqset illi tħallas;

L-istess attur talab li dina l-Qorti:

Tiddikjara li l-ispejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi għall-ħatt u għar-rilaxx tal-merkanzija mill-vapur Bulent Akar fit-tnax ta' Novembru, 1990, huma a kariku tal-konvenuti *nomine*;

Konsegwentement, tikkundannahom iħallsu s-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u sittin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm1,962.85c) spejjeż tal-ħatt ta' l-imsemmija merkanzija";

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew:

"Illi l-azzjoni attriċi hija preskritta kemm a tenur ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 2147 (d) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi subordinatament u fil-meritu mhu dovut ebda ħlas lis-soċjetà attriċi jew lill-prinċipali tagħha, għax il-*Bill of Lading* ma kienx wieħed FIOS imma *Liner Terms* u għalhekk f'kull każ il-konsenjatarju ta' merkanzija mhu qatt responsabbli għall-ispejjeż ta' skarikar ta' l-imsemmija merkanzija";

B'sentenza tad-9 ta' Mejju, 1994, l-allura Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* li l-azzjoni ta' l-attur *nomine* kienet tinsab preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) u konsegwentement ċaħdet it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Dwar din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-Ewwel Qorti hekk ikkunsidrat:

"Illi fit-12 ta' Novembru, 1990, wasal Malta l-bastiment

Bulent Akar mgħobbi b'madwar 250 tunnellata tuffieħ tat-Turkija destinati għas-soċjetà konvenuta;

Illi l-attur *nomine*, fil-kapaċità tiegħu ta' aġent ta' dan il-bastiment ħa l-inkarigu li jagħmel l-arranġamenti kollha neċessarji sabiex din it-tagħbija tuffieħ tinħatt minn abbord u titgħabba fuq it-trakkijiet sabiex dawn jeħduha fl-imħażen tas-soċjetà konvenuta;

Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-*Port Workers Scheme* billi ħattew il-merkanzija minn fuq il-vapur għal fuq it-trakkijiet mibgħuta mir-riċevitur permezz ta' *cranes*. L-ispiża tal-ħatt ta' din il-merkanzija kienet tammonta għas-somma ta' Lm1,962.85c;

Illi l-attur ħallas dawn l-ispejjeż u b'din l-azzjoni qiegħed jippretendi li jiġi rimborsat mir-riċevitur tal-merkanzija. Dan, min-naħa tiegħu, qiegħed jgħid li huwa mhux responsabbli li *jħallas dawn l-ispejjeż billi l-ftehim ma kienx jikkomprendi l-*klawsola F.I.O.S. iżda kien *cost and freight* u li għalhekk dawn l-ispejjeż kienu a karigu tal-vapur;

Preliminarjament, però, il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni fl-ewwel lok a tenur ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13). Dana l-artikolu jistabbilixxi *inter alia* lil kull ħlas tas-salarji ta' ħaddiema u għal xogħlijiet magħmula taqa' bil-preskrizzjoni ta' sena wara l-kunsinna tax-xogħol. Fit-tieni lok, il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni, ukoll ta' sena, a tenur ta' l-artikolu 2147 (d) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) li jolqot l-azzjonijiet tal-vettura li bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikolu 1628 sa l-1631 għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom;

*Illi l-attur issottometta illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet*

mhumiex applikabbli għall-azzjoni attriċi billi l-attur la huwa "ħaddiem" kif stipulat fl-artikolu 544 (d) u lanqas ma kien imqabbad bħala "vettura bl-art jew bil-baħar" kif stipulat fl-artikolu 2147 (d) imma kien imqabbad *biex iħott il-merkanzija*. L-attur, inoltre ssottometta illi d-disposizzjonijiet dwar il-*preskrizzjoni għandhom* ikunu nterpretati restrittivament. L-attur issottometta illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ hija dik ta' ħames snin a tenur ta' l-artikolu 2158 (f) ċjoè dwar l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali meta l-kreditu ma jkunx jaqa' taħt *preskrizzjoni* aqsar *skond il-liġi*;

Ikkunsidrat:

*Illi l-kreditu ta' l-attur jikkonsisti fl-ispiża li huwa għamel* meta nkariga lill-ħaddiema tal-port sabiex jesegwixxu x-xogħol ta' ħatt tal-merkanzija tal-konvenuti *minn abbord għal fuq* it-trakkijiet li pprovdew il-konvenuti;

Illi l-obbligazzjoni oriġinali u determinanti li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas tikkonsiti fil-prezz ta' xogħlijiet magħmula mill-ħaddiema tal-Port. Jidher illi dawn il-ħaddiema għandhom l-azzjoni għall-ħlas ta' xogħlhom regolata bil-preskrizzjoni skond l-artikolu 644 (d). L-attur jgħid li din il-preskrizzjoni ma tapplikax għalih għaliex hu mhux "ħaddiem". Huwa veru li l-attur mhux "ħaddiem" *fis-sens ta' l-artikolu 544* (d), però, meta huwa ħallas lil dawn il-ħaddiema huwa ġie ssurrogat *fid-drittijiet tagħhom*. Il-Qorti jidhrilha li l-istess preskrizzjoni li kienet applikabbli fil-konfront tal-ħaddiema li esegwew ix-xogħol ta' ħatt in kwistjoni tapplika ukoll għall-attur li ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħhom u li issa qiegħed jitlob rimbors mingħand min hu jgħid li kien responsabbli għall-ħlas ta' *dawn il-ħaddiema sa mill-bidunett ta' l-operazzjoni* kummerċjali in kwistjoni;

Illi għalhekk, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, l-artikolu *544 (d) huwa applikabbli għall-azzjoni odjerna ta' l-attur. Li* kieku l-attur ma tħallasx għan-nol, l-azzjoni relattiva kienet tiġi preskritta b'sena wara li jispiċċa l-vjaġġ (artikolu 544 (a)). Kien ikun kontrosens li kieku l-ispejjeż tal-ħatt tal-merkanzija (li xi drabi jkunu nklużi fin-nol) jiġu preskritti b'terminu ta' ħames snin mentri l-azzjoni (prinċipali) għan-nol hija espressament *preskritta b'għeluq ta' sena;*

Dana qiegħed jingħad sempliċement biex isaħħaħ l-interpretazzjoni li waslet għaliha l-Qorti dwar l-artikolu 544 (d);

*Illi x-xogħol in kwistjoni sar fil-* jew għall-ħabta tat-12 ta' Novembru, 1990, waqt li kemm l-ittra uffiċjali u kemm din iċ-ċitazzjoni ġew *intavolati* f'Jannar, 1992, ċjoè aktar minn sena minn meta spiċċaw ix-xogħlijiet ta' l-iskarikar li tagħhom qiegħed jintalab il-ħlas;

*Illi, konsegwentement, l-azzjoni attriċi tinsab preskritta* skond l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

U la l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni ma hemmx għalfejn li tindaga jekk l-azzjoni hijiex jew le preskritta ukoll bl-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili nvokat ukoll mill-konvenuti *nomine*";

Dan l-appell, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimmerita li jiġi akkolt. L-attur *nomine* jilmenta li l-Qorti tal-Kummerċ, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ irrelegat u rriduċiet il-funzjonijiet ta' *espert marittimu* għall-funzjonijiet ta' ħaddiem tal-port. Hu jissottometti illi waqt li l-Qorti tal-Kummerċ qablet mas-sottomissjoni tiegħu li hu ma kienx "ħaddiem", madanakollu rriteniet li meta huwa ħallas lil dawn il-ħaddiema hu ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħhom u

għalhekk dik l-istess preskrizzjoni kienet applikabbli lilu. Il-funzjonijiet ta' l-attur *nomine*, bħala aġent marittimu, ma kinux jikkomprendu biss il-ħlas lill-ħaddiema tal-port imma ukoll drittijiet ta' aġenzija;

Din il-Qorti tifhem li filwaqt li dan l-aggravju huwa ukoll pertinenti, il-kwistjoni legali tmur oltre din is-sottomissjoni sostanzjalment ta' fatt. Hu veru illi l-funzjonijiet ta' l-aġent marittimu jinkludu doveri li jmorru lil hinn mill-pagament ta' dak li hu dovut lil ħaddiem tal-port biex jiskarika l-merkanzija minn fuq il-vapur, imma għall-fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv kien applikabbli, wieħed kellu jħares lejn in-natura ta' l-azzjoni li kienet qed tiġi esperita. It-termini preskrittivi avokati mill-konvenuti *nomine* kienu dawk inerenti mal-preskrizzjonijiet li kienu estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arġinata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet tagħha, li kienet tiddetermina liema kien it-terminu preskrittiv applikabbli;

Issa, fil-każ taħt eżami ma jistax ikun hemm dubbju li l-azzjoni temani mir-relazzjoni ġuridika li ġiet ikkreata bejn is-soċjetà attriċi meta din ta' l-aħħar ġiet appuntata bħala aġent tagħha f'Malta. Din hi l-premessa li l-attur *nomine* kien jeħtieġlu li jipprova għat-talba tiegħu għar-rifużjoni tal-ħlas li s-soċjetà minnu rappreżentata kienet għamlet fl-interess tas-soċjetà konvenuta bħala aġent tagħha "għall-ħatt u għar-rilaxx tal-merkanzija mportata" fuq il-vapur imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Hu proprju minħabba din ir-relazzjoni ġuridika u l-obbligi li ġew assunti mis-soċjetà attriċi favur is-soċjetà konvenuta bħala prinċipal tagħha li din aġixxiet. Kif l-attur *nomine* ddikjara fid-dikjarazzjoni ġġuramentata tiegħu, "is-soċjetà attriċi rrilaxxat l-istess merkanzija lis-soċjetà konvenuta qabel ma l-konvenuti *nomine* ħallsu l-ispejjeż dovuti, ħaġa li dejjem issir f'dawn iċ-ċirkostanzi";

F'dan il-kuntest allura, din il-Qorti ma tistax taċċetta bħala korretta l-konsiderazzjoni illi kienet applikabbli l-preskrizzjoni applikabbli għall-"ħaddiem" tal-port fis-sens ta' l-artikolu 544 *(d)* tal-Kodiċi tal-Kummerċ, għaliex *meta l-attur nomine kien* ħallas lil dawn il-ħaddiema hu kien ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħhom. Tant hu hekk li *filwaqt li ma setax ikun hemm* dubbju illi l-ħaddiema tal-port kellhom kull dritt li jitħallsu tax-xogħol tagħhom, *is*-soċjetà konvenuta kienet qed tikkontesta d-dritt tas-soċjetà attriċi li titħallas "għax l-ebda pagament mhux dovut għax il-polza ta' kariku hija *liner bill of lading*. Għandu jkun ovvju illi li kieku kien minnu illi l-pagament seta' jiġi pretiż mis-soċjetà attriċi in kwantu kienet issurrogata fid-drittijiet tal-ħaddiema tal-port li huma ħallsu, allura l-eċċezzjonijiet għat-talba għall-ħlas ta' dawn id-drittijiet ma setgħux ma jkunux l-istess bħal dawk li setgħu jagħtu dawn *il-ħaddiema. Ovvjament* dan ma kienx il-każ;

In verità, stabbilit li l-azzjoni esperita mill-attur *nomine* hi waħda in forza tal-kuntratt ta' aġenzija li minnu kienu joħorġu l-obbligi li esegwixxa u li tagħhom hu qed jitlob il-pagament, hu ċar li l-perijodu preskrittiv applikabbli għal din l-azzjoni kellha tkun dik li tirregola dawn ir-relazzjonijiet kontrattwali, indipendentement mill-fatt li singoli operazzjonijiet fl-esekuzzjoni ta' dawn l-obbligi setgħu kienu milquta bi preskrizzjonijiet differenti jew iqsar. L-artikolu 544 (d) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi li kull azzjoni għall-ħlas tas-salarji ta' ħaddiema u għal xogħlijiet magħmula taqa' bil-preskrizzjoni ta' sena. *B'mod forsi aktar pertinenti u speċifiku* s-subinċiż (d) ta' l-artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għall-preskrizzjoni simili għall-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar. Ċertament l-attur *nomine* mhux qed jitlob mingħand l-appellati *nomine* ħlasijiet ta' din ix-xorta u, eskluża allura l-ġustifikazzjoni tas-surroga, l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni ssollevati minnhom ma jistgħux jiġu sostnuti. Kif lanqas treġi l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li jkun

kontrosens illi kieku l-ispejjeż tal-ħatt tal-merkanzija (li xi drabi jkun inkluż fin-nol) jiġu preskritti b'terminu ta' ħames snin, mentri l-azzjoni (prinċipali) għan-nol hija espressament preskritta b'għeluq ta' sena;

Paraguni ta' din ix-xorta ma jistgħux, fil-fehma ta' din il-Qorti, jsiru meta wieħed ikun qiegħed jikkunsidra azzjonijiet *li* n-natura tagħhom tkun għal kollox separata u distinta;

Għal dawn il-motivi l-appell qed *jiġi milqugħ u s-sentenza* appellata rrevokata, billi jiġi ddikjarat u deċiż illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-appellanti *nomine* ma *kinitx* applikabbli għal dan il-każ. Il-Qorti tirrimetti l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni biex il-kawża tiġi ttrattata u deċiża fil-meritu. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariġu ta' l-appellati *nomine*.